



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-413/17 Proċedura mressqa minn “Roche Lietuva” UAB

(talba għal deċiżjoni preliminari, imressqa mil-Lietuvos Aukščiausiasis Teismas)

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kuntratti pubbliċi għall-provvista ta’ materjal u ta’ apparat mediku ta’ djanjosi – Direttiva 2014/24/UE – Artikolu 42 – Għoti – Marġni ta’ diskrezzjoni tal-awtorità kontraenti – Formulazzjoni ddettaljata tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi”

Sommarju – Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa’ Awla) tal-25 ta’ Ottubru 2018

1. *Approssimazzjoni tal-leġislazzjonijiet – Proċeduri ta’ għoti ta’ kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi – Direttiva 2004/18 – Applikazzjoni ratione temporis – Deċiżjoni tal-awtorità kontraenti li tagħżel it-tip ta’ proċedura li għandha tiġi segwita għall-aġġudikazzjoni adottata wara t-tħassir tal-imsemmija direttiva – Inapplikabbiltà tad-Direttiva*

(Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2004/18 u 2014/24, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 91)

2. *Domandi preliminari – Ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja – Limiti – Domandi ġenerali jew ipotetiċi – Domandi li jirrigwardaw proċedura ta’ sejħa għal offerti li ġiet irtirata – Konstatazzjoni mill-qorti tar-rinviju taż-żamma ta’ interess fir-rigward tas-soluzzjoni tat-tilwima – Assenza ta’ natura ipotetika – Ammissibbiltà*

(Artikolu 267 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 94)

3. *Approssimazzjoni tal-leġislazzjonijiet – Proċeduri ta’ għoti ta’ kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi – Direttiva 2014/24 – Iffissar tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi – Setgħa diskrezzjonali tal-awtorità kontraenti – Limiti – Osservanza tal-prinċipji ta’ ugwaljanza fit-trattament, ta’ nondiskriminazzjoni u ta’ trasparenza – Formulazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi b’mod iddettaljat – Neċessità li tiżdied l-espressjoni “jew ekwivalenti” wara l-indikazzjoni ta’ prodott speċifiku*

(Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2014/24, Artikolu 42)

4. *Approssimazzjoni tal-leġislazzjonijiet – Proċeduri ta’ għoti ta’ kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi – Direttiva 2014/24 – Iffissar tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi – Kuntratt pubbliku għall-akkwist ta’ provvisti mediċi – Neċessità li tiġi invokata l-importanza tal-karatteristiċi individwali tal-apparat mediku jew tar-riżultat tal-funzjonament tal-apparat – Assenza – Obbligu ta’ osservanza tal-prinċipji ta’ ugwaljanza fit-trattament u ta’ proporzjonalità*

(Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2014/24, Artikoli 18 u 42)

1. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punt 18)

2. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 23, 24)

3. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 29-32, 34, 37-39)

4. L-Artikoli 18 u 42 tad-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE, għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn ma jimponux lill-awtorità kontraenti, fl-iffissar tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' sejħa għal offerti li tirrigwarda l-akkwist ta' provvisti mediċi, tinvoka, bħala prinċipju, jew l-importanza tal-karatteristiċi individwali tal-apparat mediku, jew l-importanza tar-riżultat tal-funzjonament ta' dan l-apparat, iżda jeħtieġu li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, fit-totalità tagħhom, josservaw il-prinċipji ta' ugwajanza fit-trattament u ta' proporzjonalità. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa jekk, fil-kawża adita biha, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi inkwistjoni jissodisfawx dawn ir-rekwiżiti.

(ara l-punt 45 u d-dispożittiv)